# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Supretendent  James Grech)

Vs

Tarek Khodir

Omissis

Kumpilazzjoni Nru. 644/2021

Illum,  15 ta' Novembru 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti kontra **Tarek Khodir** ta' 23 sena, iben Hasham Hassan Mohammed u Romina (Romina Maria) nee' Agius imwieled Pieta' nhar is-16/12/1994, residenti Okella Agius, Flt. 10, Triq Hal-Qormi, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 17395 M u  **Omissis**

[1] Fol. 402 et seq

ta' 24 sena, iben Philip u Maria Dolores nee' Caruana, imwieled Pieta' fl-20/ 04/1994 residenti 188 G, Fl 9, Triq Sant' Orsla, Valletta (KI 17395 M) akkuzati talli

Nhar it-18 t' Ottubru, 2016 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3:30 am) gewwa Burmarrad limiti ta' San Pawl il-Bahar;

1. Ikkommettew serq ta' flus kontanti u / jew oggetti ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jiskorri l-ammont ta' € 2,329.37, bil-Lok, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa, ghad-detriment ta' Mario Vella u / jew persuna, persuni u/ jew entita' jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Mario Vella f' perikolu car, ikkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha, jew gabu disordni f' mohh l-istess Mario Vella, liema offizi gew ikklassifikati bhala gravi;

3. U aktar talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Mario Vella, kontra l-volonta' tieghu, waqt liema arrestat, zamma jew sekwestru, Mario Vella gie offiz fuq il-persuna jew imhedded bil-mewt, bil-hsieb ta' estorzjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew sabiex l-istess persuna tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

4. U aktar talli fil-waqt li kienu qed jaghmlu reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-propjeta', kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

5. U aktar talli akkistaw, kellhom fil-pussess taghhom ghal liema ghan ikun, zammew jew importaw arma regolari projbita imsemmija fl-Iskeda I tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligjiet ta' Malta;

**Lil Tarek Khodir wahdu** akkuzat talli

6. B' hekk ikkometta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge ghal-tlett (3) snin, moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. nhar it-12/04/2016;

Lil **Omissis** wahdu nakkuzah talli

7. B’ hekk kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b’ digriet ghal harsien mill-arrest, akkordat lilu mill-Qorti tal-Magsitrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat C. Galea LL.D. nhar l-20 ta’ Lulju, 2014, liema kundizzjonijiet inghatawlu kontra depozitu ta’ € 300 u garanzija personali ta’ € 2000;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih **omissis** inghata l-beneficcju tal-harsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma totali ta’ € 2,300 tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta u dan kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma **Omissis** bhala **recidiv** ta’ sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta’ Artikolu 49, 50 u 289 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni at termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvincinaw lil Mario Vella u membri tal-familja tieghu, ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ll-estratti tal-Att tat-Twelid u l-fedina penali tal-imputati Tarek Khodir u omissis ezebiti mal-att ta’ akkuza.

Rat li fis-seduta tal-7 ta’ Jannar, 2018 l-imputati tressqu taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti struttorja diversament presduta iz-zewgt imputati mhux qed jikkontestaw il-validita’ tal-arrest. L-ufficjal prosekutur James Grech qara u konferma bil-gurament ic-citazzjoni fil-prezenza tal-imputati u pprezenta – certifikat tat-twelid taz-zewgt imputati (dokumenti JG 1 u JG 2) – Fedina penali taz-zewgt imputati (dokumenti JG 3 u JG 4 rispettivament)

Rat li wara li sar l-ezami tal-imputati huma wiegbu li mhux hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. Rat li huma talbu l-helsien mill-arrest u l-prosekuzzjoni ma opponietx purche’ jigu imposti kundizzjonijiet idonei. Il-Qorti laqghet it-talba ghal helsien mill-arrest. In vista tal-kundizzjonijiet ta’ l-arrest imposti fuq l-imputati, iz-zewgt imputati iddikjaraw bil-gurament li huma m’ ghandhomx passaport. Il-Qorti qed tpoggi liz-zewgt imputati taht ordni ta’ protezzjoni

mahruga ai termini ta' l-artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 u dan ghall-protezzjoni ta' Mario Vella. In oltre, il-Qorti qed tpoggi liz-zewgt imputati taht ordni provizorju ta' supervizjoni. Il-Qorti ordnat li l-atti jintbaghtu ghand ir-Registratur tal-Qorti ai termini tal-Ligi.

Rat li l-Qorti nominat lil Dr Lennox Vella sabiex jaghmel it-transcripts ta' Dok. 4, 5, 8 u 9. Il-Qorti tirrileva li f' Dok. 8 hemm zewgt CD's li wiehed minnhom infurmata li mhux car imma li Dr Vella irid jikkonstata l-kontenut taz-zewgt C.Ds anke dak li ma huwiex car.

Rat li fis-seduta tal-16 ta' Jannar 2018 il-Qorti tat digriet ta' prima facie u l-atti gew rinvijati lil Avukat Generali.

Rat in-nota ta' rinviju tal-avukat generali datata 6 ta' Frar, 2018[2]; tat-12 ta' Marzu, 2018[3]; tal-4 ta' Gunju, 2018[4].

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Charisse Boffa dwar l-andament ta' **Tarek Khodir** datat 20 ta' Frar, 2018; rapport tal-24 ta' April, 2018[5]; rapport datat 19 ta' Mejju, 2019[6]; rapport datat 23 ta' April, 2021[7]; rapport datat 17 ta' Gunju, 2021[8]; tal-22 ta' Settembru, 2021[9]; tal-21 ta' Marzu, 2022; tal-21 ta' Ottubru,, 2022; tal-11 ta' Janna,r 2023; tal-4 ta' Mejju 2023;

Rat ir-rapporti tal-probation officer Marilyn Attard fuq l-andament ta' **Omissis**

Rat li fis-seduta tal-27 ta' Marzu, 2018 l-Ispettur James Grech qara l-akkuzi bil-gurament kif korretti, saru l-ezamijiet ta' l-imputati fejn huma wiegbu li mhux hatja tal-imputazzjonijiet. Id-

[2] Fol. 119
[3] Fol. 386
[4] Fol. 422
[5] Fol. 423
[6] Fol. 438
[7] Fol. 489
[8] Fol. 490
[9] Fol. 495

difensuri taz-zewg imputati qed jezentaw lil prosekuzzjoni milli jergghu jtellghu sabiex jixhdu x-xhieda diga prodotti u milli jerghu jressqu kwalsiasi prova ohra.

Semghet ix-xhieda taht gurament ta' Mario Vella[10]; li ipprezenta sitt ritratti Dok. MV 1 sa Dok MV6[11] fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2018 ta' l-Ispettur James Grech li ezebixxa Dok JG 1 Current Incident Report, Dok JG 2 u 3 – Dikjarazzjonjiet tar-Rifjut tal-parir legali, Dok JG 4 u 5- Stqarrijiet tal-imputati, Dok. JG 6 u 7 – dikjarazzjonijiet tar-rifjut tal-parir legali u Dok JG 8 u 9 – stqarrijiet tal-imputati fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2018, fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2018[12]; ta' Doris Sciberras Serpina fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2018[13] u fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2018 fejn ezebiet il proces verbal; ta' PS 1350 Christian Xuereb li ezebixxa Dok CX li xehed fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2018[14]; ta' PS 426 Anthony Portelli li ezebixxa Dok AP 1 sa AP 14 – ritratti u karti A4 b' zewgt ritratti kull wiehed Dok AP 15 sa Dok AP 20 fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2018[15]; ta Dr Marisa Cassar li qed tipprezenta Dok MC fis-seduta tal-20 ta' Frar,, 2018[16]; ta' PS 1402 Keith Rizzo fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2018[17]; tal-Ispettur James Grech li pprezenta Dok JGX 1 sa 3 fis-seduta tal-27 ta' Marzu, 2018[18]; Stephen Cachia li pprezenta Dok SC 1 u 2 li xehed fis-seduta tal-27 ta' Marzu, 2018[19]; PC 605 Lino Parascandolo li xehed fis-seduta tal-27 ta' Marzu, 2023; PS 659 Jeffrey Hughes li xehed fis-seduta tal-27 ta' Marzu, 2023; ta' Dr Fabrizia Azzopardi fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2018[20]; tal-Ispettur Maurice Curmi fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2018[21]; ta' Dr Mario Scerrri li ezebixxa Dok MS fis-seduta tal-8 ta' Gunju, 2018[22]; ta' Dr Lennox Vella li ezebixxa Dok LV 1[23]; tal-Ispettur Joseph Mercieca li xehed fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2018[24]; ta' Charisse Boffa fis-seduta tal-29 ta' Ottubru, 2019[25] u fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2020[26]; ta' Kenneth Caruana fis-seduta tal-29

---

[10] Fol. 34 sa 81
[11] Fol. 81 sa fol.
[12] Fol. 97 sa 115
[13] Fol. 116-117
[14] Fol. 225-230
[15] Fol. 238-252
[16] Fol. 370-373
[17] Fol. 380-383
[18] Fol. 390
[19] Fol. 393-394
[20] Fol. 415-416
[21] Fol. 418-420
[22] Fol. 425-
[23] Fol. 429-430
[24] Fol. 442-443
[25] Fol. 472-475
[26] Fol. 483-487

ta' Ottubru, 2019[27]; ta' Marilyn Attard fis-seduta tal-29 ta' Ottubru, 2019[28]; ta' Amanda Grech fis-seduta tal-29 ta' Ottubru, 2019[29]

Rat li fis-seduta tal-27 ta' Marzu, 2023 id-difensuri tal-imputati qed jezentaw lil Prosekuzzjoni milli x-xhieda imsemmija f' rekwiziti 2 u 3. Il-Qorti qed tara r-rekwizit numru 1 u tikkonferma u taghmel taghha l-esperti kollha nominati fl-inkjesta.

Rat li fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2018 il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti joghogobha testendi l-inkarigu ta' l-espert diga' nominat fl-inkjesta Dr Mario Scerri (a fol. 22 tal-proces verbal) illi ikklassifika l-offizi fuq Mario Vella bhala hfief sabiex jezamina c-certifikat pprezentat u kkonfermat minn Dr Fabrizia Azzopardi a fol. 408 illi ikklassifikat in-natura ta' l-offizi bhala gravi u wara li jerga' jezamina lil Mario Vella jirrelata lil din il-Qorti l-posizzjoni tan-natura ta' l-offiza. Id-difiza ma topponiex, il-Qorti tilqa' t-talba.

Rat li fis-seduta tal-8 ta' Gunju, 2016 l-Ispettur Grech jirrileva li skont ir-rekwizit 1 PS 1350 xehed fl-20 ta' Frar, 2018, PS 586 ipprezenta r-relazzjoni tieghu fil-proces verbal a fol. 67 u PC 1525 ppprezenta r-relazzjoni tieghu fil-process vebal a fol. 77. L-Ispetur Grech jiddikjara li l-Pulizija kollha li kienu involuti fil-kaz xehdu u qieghed f' pozizzjoni jiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma ghandiex iktar provi x' tipproduci.

Rat in-Nota ta' Rinvjiju tal-Avukat Generali datata tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018)[30], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub.

**Lil Tarek Khodir u Omissis flimkien**

a. Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fL-artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f)(g), 262, 263, 264, 267, 269, 270,271, 274, 275, 277, 278, 279 (b), 280(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[27] Fol. 466-468
[28] Fol 470-471
[29] Fol. 462-465
[30] Fol. 439

d. fl-artikoli 86, 87(1)(b)(c)(e ), 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-artikolu 55, 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 3, 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Lil Tarek Khodir wahdu.**

i. fl-artikoli 23 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. fl-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Iddecieda illi kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali jibghat lil imputat biex jigi ggudikat mill-Qorti hawn fuq imsemmija sabiex din il-Qorti, f' nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm mahsub fl-Artikoli 370(3)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi fuq l-akkuza jew il-htija jew htijiet tal-Kodici Kriminali. B' dan pero' li qabel ma tghaddi biex tiddeciedi fuq l-akkuza ta'' din il-htija jew htijiet, din l-Onorabbli Qorto joghogobha.

(a) tisma u tiehu konjizzjoni ta' kull prova ohra li johgogob tressaq il-Pulizija f' dan il-kaz;

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2018 il-Prosekuzzjoni iddikjarat il-provi maghluqa;

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2018 wara li gew moqrija l-artikoli l-imputati iddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni biex il-Qorti tikkonverti ruhha f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-**10 ta' Novembru, 2020 l-imputat Tarek Khodir irregistra AMMISSJONI**. Il-Qorti wara taghtu zmien sabiex jirrikonsidra u wara li ikkonsulta mal-avukat tieghu rega' tenna l-ammissjoni. Id-difensur tal-imputat Tarek Khodir talab lil Qorti sabiex ma tghaddiex ghas-sentenza izda tghaddi s-sentenza taz-zewgt imputati fl-istess hin.

Rat li fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2021 id-difiza ta' Tarek Khodir talbet li jkun hemm is-separazzjoni tal-gudizzju. Il-Prosekuzzjoni ma topponiex u l-Qorti tikkoncedi tali separazzjoni tal-gudizzju. Fl-istess seduta Tarek Khodir qed jintrabat li jhallas l-ammont ta' 3,833 Euros u jghaddihom lis-Supretindent James Grech fis-seduta li jmiss.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulzija pprezentata fil-30 ta' Novembru, 2022; ta' l-imputat Tarek Khodir pprezentata fil-16 ta' Frar, 2023;

Rat l-artikoli 17, 18, 21,23, 31, 261(a)(b)(c)(e)(f)(g), 262, 263, 264, 267,269, 270,271, 274, 275, 277, 278, 279 (b), 280(2), 281, 214, 215, 216, 218, 86, 87(1)(b)(c)(e ), 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 55, 56, 3, 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-artikoli 23 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta u 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa akkuzat li flimkien ma zewgt persuni ohra, *omissis* u terz iehor mhux maghruf, li fit 18 t' Ottubru, 2016 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3:30 am) gewwa Burmarrad limiti ta' San Pawl il-Bahar (i) ikkometta serq ta' kontanti li b' kollox jammonta ghal € 11,500 liema serq huwa kwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jiskorri l-ammont ta' € 2,329.37, bil-Lok, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa, ghad-detriment ta' Mario Vella u / jew persuna, persuni u/ jew entita' jew entitajiet ohra; (ii) u U aktar talli minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Mario Vella f' perikolu car, ikkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha, jew gabu disordni f' mohh l-istess Mario Vella, liema offizi gew ikklassifikati bhala gravi; (iii) U aktar talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Mario Vella, kontra l-volonta' tieghu, waqt liema arrestat, zamma jew sekwestru, Mario Vella gie offiz fuq il-persuna jew imhedded bil-mewt, bil-hsieb ta' estorzjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew sabiex l-istess persuna tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha; (iv) U aktar talli fil-waqt li kienu qed jaghmlu reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-propjeta', kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti; (v) U aktar talli akkistaw, kellhom fil-pussess taghhom ghal liema ghan ikun, zammew jew importaw arma regolari projbita imsemmija fl-Iskeda I tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligjiet ta' Malta; L-imputat gie akkuzat ukoll li ikkometta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge ghal-tlett (3) snin, moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. nhar it-12/04/2016;

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

Illi l-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

Ikkunsidrat

Rigward il-piena, din il-Qorti ma tistax tqis din l-ammissjoni bhala wahda bikrija, stante li saret **10 ta' Novembru, 2020 ,** sentejn wara li l-imputat tressaq b' arrest, wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u wara li l-Avukat Generali hareg l-att ta' akkuza. Illi meta l-imputat rregistra l-ammissjoni tieghu l-kawza kienet maturat sew.

Il-Qorti qed tqis ukoll li r-reati li bihom huwa akkuzat l-imputat huma serji di natura u seta' kellhom konsegwenzi ferm aktar serji fuq il-persuna tal-vittma li waqt is-serqa gie attakkat li garraf griehi ta' natura gravi kif iccertifikat minn Dr Dr Fabrizia Azzopardi fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2018[31] li ikkonfermat ic-certifikat mmarkat bhala Dok JKX li jinstab a fol. 408 ta' l-process. Fix-xhieda taghha t-tabiba xehedet li kif jirrizulta mic-certifikat mahrug minnha fit-18 ta' Ottubru, 2016, hija

[31] Fol. 415-416

rat lil Mario Vella, il-vittma, fic-Centru tas-Sahha ta' l-Mosta. Dan kien qed isofri minn diversi griehi tnejn minnhom fuq wiccu u c-certifikat hareg li l-griehi huma ta' natura gravi.

Ikkunsidrat

Mehud dan kollu l-Qorti ma tistax tinjora d-diversi rapporti pprezentati mill-probation officer Charisse Boffa moghtija tul dawn il-proceduri li juru li l-imputat qed jimxi fuq it-triq it-tajba, qieghed jadhem bi qliegh l-ewwel bhala impjegat u mbghad bhala self employed, ma jaghmilx uzu minn sostanzi illeciti, ghandu ukoll ghandu tifla u zzamm lil missieru li kellu problemi ta' alkohol mieghu sakemm dan miet.

Fix-xhieda taghha tal-Charise Boffa, probation officer xehedet <u>fis-seduta tal-29 ta' Ottubru, 2019</u> xehdet li ilha segwi lil Tarek Khodir u l-andament huwa.posittiv, u li t-testijiet ghal sustanzi dejjem irrizultaw fin-negattiv. L-imputat jahdem u qed iwettaq xoghol fuq ordni ohra fil-komunita' ta' 100 siegha fejn qed jaghmel xoghol ta' manutenzjoni. Ghandu sitwazzjoni fid-dar difficli peress li missieru dipendenti mill-alkohol. Missieru jghix mieghu ghaliex il-propjeta' mikrija lil imputat.

<u>Fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2020</u> xehedet li in segwitu ghax-xhieda taghha tal-29 ta' Ottubru, 2019 l-imputat Tarek Khodir beda jahdem ghar-rasu. Il-kampjuni tal-urina dejjem irrizultaw fin-negattiv, attenda dejjem ghal appuntamenti b' mod kostruttiv. Dejjem ghamel kambjament ghal quddiem. Mistoqsija lil Qorti dwar jekk hux fl-interess tieghu li jinghata ordni ta' probation, ix-xhud tirrispondi li fl-opinjoni taghha sentenza fil-komunita' hija hafna aktar ta' beneficcju ghal imuputat Tarek Khodir. <u>Hi tal-opinjoni li sentenza karcerarja f' dan il-punt ser titfa' lil imputat lura.</u>

Madankollu ma jistax ma jigix osservat li minkejja li r-rapporti tal-probation officer huma kollha posittivi dan ir-reat gie kommess ftit xhur wara s-sentenza fejn l-imputat inghata sentenza ta' conditional discharge ghal tlett snin.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti ser tghaddi biex tapplika l-artikolu 21 tal-Kap. 9 li jaghti l-poter lill-Qorti li ghal ragunijiet specjali u straordinarji taghti piena izghar minn dik stabilita' fil-ligi, il-Qorti tista' ghar-ragunijiet specjali u straordinarji taghti piena izghar skont id-diskrezzjoni taghha minn dak stabilit fil-ligi.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha d-difiza taqbel mal-prosekuzzjoni li l-artikolu operattiv li jindika l-piena ta' sewq ghandu jkun l-artikolu 274 tal-kap. 9 li jizdied bi grad (fl-ahjar ipotezi). Id-difiza ma hijiex qed taqbel li r-reati kontemplati taht l-kap. 480 ghandhom jigu applikati stante li fl-opinjoni tad-difiza kien mezz ai fini. Fis-sottomissjonijiet tad-difiza l-komputazzjoni tal-piena ghandha tkun dik adoperata fl-artikolu 17 (h)[32] u mhux 17 (b)[33] tal-Kap. 9.

Il-Qorti wara li hadet a konjizzjoni l-atti kolllha tal-kawza qed tikkunsidra li l-f' dan il-kaz l-artikolu 17(h) ghandu japplika fil-kaz in ezami.

Ikkunsidrat

Illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 274 u l-artikolu 277 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat jista' jehel minimu ta' piena karcerarja ta' sentejn li mizjuda bi grad jitla' ghal tlett snin u l-massimu ta' hames snin jitla' b' zewgt gradi sa disa' snin;

Illi l-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammissjoni tal-imputat fil-mori tal-proceduri (ii) is-separazzjoni tal-gudizzju (iii) ir-rapporti regolari tal-probation officer li juru li l-imputat qed jindirizza l-problemi tieghu (iv) il-problemi li kellu minhabba missieru (illum mejjet) li kellu problema tal-alkolizmu (v) li ghandu tifla li skont li kif rapportat mill-probation officer ghandu access ghaliha b' mod regolari (vi) li ma huwiex dipendenti minn drogi illegali (vii) li rritorna terz tar-rifurtiva lil vitma Mario Vella sejra tapplika d-diskrezzjoni taghha skont l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u tinfliggi piena izghar minn dik stabilita fil-ligi.

Illi skont l-imputazzjoni numru sitta il-Qorti giet mitluba li titratta l-imputat bhala recediv u dan billi ikkompetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Conditional Discharge ghal

---

[32] "Art 17( h) meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tinghata l-piena għar-reat l-aktar gravi"

[33] "Art 17 (b) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien."

tlett snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Ian Farrugia nhar it-12 ta' April, 2016 [ sentenza ezebita mill-Spettur Joseph Mercieca fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2018] illi jirrizulta li l-imputat b' ammissjoni tieghu stess ikkometta reat matul il-perijodu ta' tlett snin.

Rigward l-ispejjez tal-proceduri

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti jirrizulta li l-ispejjez inkorsi ghall-esperti f' dawn il-proceduri u fl-atti tal-inkjesta jammontaw ghal Eur 4557.17[34] liema spejjez jikkomprendu d-drittijiet li gew mhallsa lil

- Dr Mario Scerri € 263.20
- Dr Marisa Cassar € 4047.40
- Scene of Crime € 58.23
- Scene of crime (fotofrafija) € 182.74

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikoli 17, 18, 23, 31, 261(a)(b)(c)(e)(f)(g), 262, 263, 264, 267,269, 270,271, 274, 275, 277, 278, 279 (b), 280(2), 281, 214, 215, 216, 218, 86, 87(1)(b)(c)(e ), 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 55, 56, 3, 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiiet ta' Malta, l-artikoli 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-artikoli 23 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta u 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Tarek Khodir fuq ammissjoni tieghu stess, hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta izda tenut kont tal artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil Tarek Khodir taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai termini tal-art 7 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' Protezzjoni kontra l-hati a favur ta' Mario Vella ghal perjodu ta' tlett snin (3) u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw mutatis mutandis.

---

34

Il-Qorti qed tordna komunika lil Kummissarju tal-Pulizija ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda wkoll tikkundanna lill-imputat Tarek Khodir jhallas lil Registratur tal-Qorti tal-ispejjez naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal Eur 4557.17.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**